# *“IL-KTEJJEB TAL-HREJJEF”*

# KTIEB TA’ LORNA VASSALLO

“Il-Ktejjeb tal-Hrejjef” huwa ktieb ta’ Lorna Vassallo li huwa mahsub li jqanqal kritika ferm itwal mill-ktieb innifsu.  Gewwa l-hrafa jahbi wkoll il-verita’ u sta ghall-qarrej li jifhem l-istorja kollha, partijiet minnha jew xejn.  Hija hrafa helwa li tintlaqa’ tajjeb minn kull tifel u tifla li ser jippruvaw jizbhu d-dizinji li jakkumpanjaw ir-rakkont mhejjija b’reqqa liema bhalha mill-artist zghazugh Mark Scicluna. Ghalhekk, filwaqt li t-tfal b’lehen ferriehi jaqraw ir-rakkont fejn “il-paggi u l-muskettiera tar-Re jigbru l-flejjes”, bhala adulti, min-naha taghkom, tiftakru bil-mod il-mod il-problemi tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma, mill-prezzijiet tal-medicina fl-ispizeriji, u l-kaxxa ta’ Malta fejn il-flejjes dejjem jonqsu u qatt ma jizdiedu.

Dinja monarkika li kumbinazzjoni hija regolata minn sistema demokratika bhal taghna.  Il-ktieb jinbex kemm l-intelligenza kif ukoll l-immaginazzjoni tal-qarrej, jisfidalu l-maturita’ tieghu kif ukoll l-gharfien ta’ l-avvenimenti u l-iskandli politici li sehhew mill-2001 sa l-2005.  Dawn is-snin kienu erba’ snin ta’ taqlib politiku kbir, fejn wara

referendum, Malta ghaddiet ghal elezzjoni generali, ghal shubija shiha fl-Unjoni Ewropea, ghall-elezzjonijiet interni taz-zewg partiti principali, ghall-bdil fil-presidenza u ghall-ewwel elezzjoni tal-Parlament Ewropew. Izda matul dan iz-zmien kollu l-ekonomija baqghet sejra dejjem lura. Skandlu wara l-iehor ixxandru fil-bulettini ta' l-ahbarijiet li lil xi whud ixxukkjawhom, izda ohrajn, frott tal-fiducja ghamja li kellhom fir-« Re » cahduhom minghajr ma staqsew l-ebda mistoqsija dwarhom. Kif jigri dan kollu fid-dinja, jew ahjar, ir-Renju, tal-Gzira c-Ckejkna? Kif rnexxielha rnexxielha tiddeskrivi elezzjonijiet moderni bi kliem semitici u b'semplicita' li fuq il-wicc ta' l-istorja ma ddahhallek l-ebda dubju li dik hija semplicement hrafa.

U x'ser jikkummentaw it-tfal wara li jaqrawha? Ser toghgobhom? Min ser ikun il-karattru favorit taghhom? U fl-innocenza taghhom lil min ser jikkundannaw ? Lir-Re Zemenda ? Lir-Re Gid ? Jew lill-General Albus ? U min huma dawn it-tlieta fil-politika Maltija? Veru li kien hemm xi seher marbut mal-kamra tal-flus biex jisparixxihom? Jekk dan is-seher ma kienx hlief skuza biex il-paggi tar-Re ma jhossux il-kuxjenza tniggizhom u jikkundannaw lir-Re taghhom stess …

« Il-Ktejjeb tal-Hrejjef » ghalhekk huwa verament hrafa ghal kull eta’. Dan il-ktieb qed jinbiegh mill-hwienet kollha awtorizzati bil-prezz ta’ Lira Maltija u Lorna Vassallo f’xi waqtiet ukoll ma’ Mark Scicluna, li ddizinja l-istampi, ser tkun ukoll prezenti ghall-Fiera tal-Ktieb f’dan tmiem il-gimgha li jmiss fil-ghaxija sabiex tiffirma kopji ta’ l-istess ktieb.